MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1461/2002/1

**Carmelo Gerada u martu Lydia Gerada**
**vs**

**Joseph Gialanze u martu Carmen Gialanze**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fit-13 ta' Gunju, 2002, fejn il-konvenut kien accetta li jhallas lill-attur is-somma ta' elf u mitejn lira Maltin (Lm1,200) kif ukoll spejjez maghmula mill-attur sabiex il-konvenut setgha jakkwista u jixtri l-fond li jinsab fi 43 Xghajra Street, Zabbar.**

**Dan kollu kien sar abbazi ta' ftehim verbali li gie miftiehem u accettat mill-attur u l-konvenut flimkien.**

**Ra r-risposta tal-konvenuti pprezentata fil-11 ta' Lulju, 2002 fejn intqal illi:**

**1. Fl-ewwel lok l-eccipjenti Carmen Gialanze ma gietx notifikata bit-talba separatament minn zewgha.**
**2. Illi l-istess Carmen Gialanze qatt ma ghamlet ebda ftehim jew trattativi ma' l-atturi u ghalhekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.**
**3. Illi bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi mhux veru li kien hemm ftehim kif allegat mill-atturi.**
**4. Illi l-eccipjenti Joseph Gialanze offra ripetutament li jhallas lil Carmelo Gerada s-senserija skond il-ligi, pero' dan kien qed jippretendi l-ewwel garage zghir u wara sahansitra garage kbir, pretensjoni redikola u bla bazi.**
**5. Ghalhekk it-talbiet tal-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta' Carmelo Gerada, Dr Edwina Grima. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Sema' lill-partijiet jittrattaw il-kaz.**
**Ikkunsidra:**
**1. L-attur qed jitlob spejjez maghmula minnu sabiex il-konvenut akkwista l-fond 43 Xghajra Street, Zabbar, u dana skond ftehim verbali.**
**2. Il-konvenut apparti li qed ighid li ma kien ebda ftehim ighid li hu kien offra senserija lill-attur u li dan ippretenda garage zghir u wara garage kbir. Apparti minn dan gie eccepit illi l-konvenuta ma gietx notifikata separatament minn zewgha kif ukoll illi l-istess konvenuta qatt ma ghamlet ebda ftehim jew trattativi ma' l-atturi.**
**3. Dwar l-eccezzjoni tan-notifika tal-konvenuta jirrizulta illi fil-fatt din giet notifikata fid-9 ta' Ottubru, 2002. Dwar il-meritu jirrizulta illi l-konvenut kien qed jixtri l-fond fuq imsemmi u kien gie avvicinat ghal dan il-ghan mill-attur. Jirrizulta illi l-fond in kwistjoni kien ta' omm l-attur u hutha.**
**4. Skond Carmelo Gerada kien hemm ftehim verbali u dana meta skond ma xehed hu "is-Sur Gialanze qalli kemm-il darba jien nakkwistalu l-post, hu jaghtini elf lira (Lm1,000)."**

**5. Jirrizulta illi kien hemm tnejn mill-ahwa illi kienu bieghu sehemhom lil certu Joseph Abela u dana Abela ma riedx ibiegh lill-konvenut. Ghalhekk kien jehtieg li jsir irkupru permezz ta' cedola. Jirrizulta illi l-flus ghac-cedola kien hallashom il-konvenut.**

**6. Jirrizulta mix-xhieda ta' Dr Edwina Grima illi Abela kkontesta c-cedola, saret kawza sabiex Abela jiehu l-flus u jsir l-irkupru, u fil-fatt l-irkupru sar. Skond Dr Grima l-attur kien isegwi din il-kawza.**

**7. Fil-fatt jirrizulta illi l-konvenut kien accetta li johrog il-flus sabiex l-akkwist ikun jista' jkompli jsir. Jirrizulta illi l-attur inghata prokura mill-familjari ta' ommu Dok A datata 22 ta' Ottubru, 1995 sabiex jiehu dawk il-proceduri kollha li jkun hemm bzonn fil-proceduri li nqalghet.**

**8. Finalment il-kawza dwar l-irkupru ntilfet minn Abela. Kien sar abbozz tal-kuntratt.**

**9. Skond l-attur il-konvenut ried jikkumpensah u l-attur ighid li qal lill-konvenut "jekk ikollok garage ghidli bih". Il-konvenut fil-fatt urieh tlett garages pero' l-attur ma ghogbu l-ebda wiehed minnhom.**

**10. Jirrizulta illi sussegwentement meta l-attur cempel lill-konvenut, mart il-konvenut qaltlu li kien qed johloq l-inkwiet. Fil-fatt l-ghada, skond l-attur il-konvenut qallu li martu ma riedet taghtih xejn.**

**11. L-attur irrikorra ghal ghand l-avukat Dr Edwina Grima.**

**12. Skond Dr Grima qatt ma sar diskors dwar senserija. Hi tikkonferma li l-attur kien prezenti dak inhar li sar il-kuntratt. Tikkonferma li dak inhar jew l-ghada tal-kuntratt l-attur kien mar mal-konvenut jara garage bhala kumpens, pero' Dr Grima qalet ukoll "is-Sur Gialanze qalli ma tarax li mhux ser naghtih garage".**

**13. Dr Grima taf illi ssemma l-kumpens fl-ammont ta' elf lira (Lm1,000) pero' ma tafx min qalha. Taf illi l-konvenut ried jaghtih mija u hamsin lira (Lm150) u li kien qed jichad li kien hemm ftehim. Skond l-attur kien il-konvenut li offra elf lira meta kien tkellem ma' Dr Grima.**

**14. Definittavament jirrizulta illi kien hemm konflitt dwar jekk l-elf lira (Lm1000) tassew issemmewx mill-**

**konvenut, u jidher, anke mix-xhieda ta' Dr Grima u mill-fatt illi l-istess konvenut ried jaghti mija u hamsin lira illi fil-fatt il-konvenut ma kienx qed jaccetta li jhallas lill-attur l-imsemmija somma ta' elf lira.**
**15. Jirrizulta illi l-attur ghamel hafna xoghol sabiex seta' jsehh ix-xiri tal-fond da parti tal-konvenut anke jekk wiehed ghandu jqis l-interess dirett li kellu l-attur fil-bejgh. F'dan is-sens it-Tribunal iqis illi l-atturi huma ntitolati ghal xi forma ta' kumpens ghas-servigi resi pero' mhux fl-ammont mitlub. It-Tribunal qed jillikwida l-ammont dovut mill-konvenuti lill-atturi fis-somma ta' sitt mitt lira (Lm600).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' sitt mitt lira (Lm600) u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' sitt mitt lira (Lm600).**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------